# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, it-30 ta' Novembru 2020**

**Rikors Revoka Numru : 180/2020 JPG**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru li jġib in-numru ta' referenza 161/2020 fl-ismijiet:**

**LC**

**Vs**

**KB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors revoka ta' KB, datat 27 ta' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq fejn wara li ddikjara dak premess, talab is-segwenti:

> *Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tittratta dan ir-rikors b'urġenza ai termini tal-artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u tħassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, bin-numru 161/2020, u dan abbażi tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 836 1(d) u 836 (1) (f).*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il- ligi.

Rat ir-risposta ta' LC, datata 19 ta' Novembru 2020, fejn wara li ddikjarat dak premess, oggezzjonat ghat-talbiet attrici:

> *Għaldaqstant l-esponenti jidhrilha li t-talbiet tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in diżamina kif proposti a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) u 836 (1) (f) ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa*

Rat illi ebda wiehed mill-kontendenti ma pprezenta affidavits jew dokumenti ohra oltre dak presentat fir-rikors promotur u fir-risposta;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**artikolu 836 (1)** tal-Kapitolu 12 ta' Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

> ***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li latt kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***
>
> ***(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;***
>
> ***(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;***
>
> ***(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed ilpretensjoni; jew***

> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***
>
> ***(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew***
>
> ***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."***

**Ikkonsidrat:**

Qabel ma tezamina il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji importanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji, fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll:

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Kif jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-liġi iccitata aktar 'l fuq, u mill-ġurisprudenza kostanti fir-rigward ta' kawzi ghal revoka ta' Mandati Kawtelatorji, bħala ma hija dik odjerna, l-ezami li din il-Qorti hija mistennija illi taghmel huwa wiehed prima facie, stante li hawn si tratta ta'

proċedura preliminari, filwaqt illi l-meritu kollu jiġi eżaminat u approfondit fil-kawża proprja bejn il-partijiet.

KB jinvoka l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** bħala l-bażi tat-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 161/2020, u skond l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi ċitati minnu, din il-Qorti tista tordna r-revoka tal-mandat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx '*prima facie*' gustifikat, jew ikun eccessiv (l-**artikolu 836 (d) tal-Kap 12)** , jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli **artikolu 836 (f) tal-Kap 12**.

**Ikkonsidrat:**

Illi LC kienet intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra KB bin-numru 161/2020 nhar id-19 ta' Ottubru 2020 għall-ammont ta' € 24,000, liema ammont huwa intiż sabiex jiżgura l-ħlas ta' manteniment għall-wild minuri tal-partijiet, fl-ammont ta' € 200 mensili, għall-perjodu ta' għaxar snin.

Illi jibda sabiex jingħad illi ma tirriżulta ebda nullita fil-ħruġ tal-att kawtelatorju in kwistjoni, u dan stante li kien ġie spjegat u imfisser lil LC il-kontenut tar-rikors fejn kien intalab il-ħruġ tal-mandat, bil-lingwa Ingliża, kemm mill-konsulent legali tagħha, kif ukoll waqt il-preżentata, mill-persuna li tissottoministra l-ġurament.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina kemm-il darba jissussistux l-kondizzjonijiet tal-artikolu 836 (d) tal-Kap 12, u ċioe *jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv.*

Minn eżami prima facie tal-fatti kif inhu mistenni minn din il-Qorti fil-proċeduri odjerni, jirriżulta illi l-imsemmi mandat ta' sekwestru ġie maħruġ bħala kawtela għad-dritt ta' manteniment ta' iben minuri tal-partijiet, H ta' sena u nofs, fl-ammont ta' € 24,000 fuq bażi

ta' għaxar snin skond il-liġi. Jibda sabiex jiġi osservat illi jirriżulta illi l-manteniment huwa fil-fatt dovut minn KB lil LC għat-tifel minuri, dan anke bi ftehim tal-istess KB - Vide Dok A, fol 13. Illi jirrizulta illi l-partijiet ftehmu fil-presenza tal-Qorti diversament ppreseduta li l-manteniment ghat-tifel minuri tal-kontendenti gie stabbilit fl-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar. Dan ifisser elfejn u erbgha mitt ewro (€2,400) fis-sena u liema somma komputata ghal ghaxar snin tammonta ghas-somma globali ta' erbgha u ghoxrin elf ewro (€24,000). Jirrizulta di piu' illi LC hija ta' nazzjonalita Skoċċiża u ma tirċievi l-ebda benefiċċju soċjali mill-Awtoritajiet Maltin, lanqas ic-Children's Allowance. In oltre KB huwa persuna dipendenti fuq id-droga b'obbligi oħra ta' ħlasijiet imposti fuqu mill-Qorti – Vide Dok B, fol 14.

KB sostna illi LC kellha rimedju ieħor disponibbli għaliha – u ċioe minlofk titlob ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju - titlob li l-manteniment jitħallas direttament lilha mill-paga ta' B ai termini tal-**Artikolu 381 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**
Din il-Qorti tgħid ma tikkondividix mal-argument ta' B il-ghaliex hija dejjem prerogattiva tal-kreditur li jagħzel x'għamla ta' att kawtelatorju huwa tajjeb għalih, sabiex jikkawtela l-kreditu tiegħu. Jiġifieri, ma hemm xejn żbaljat f'dak li għażlet LC u ċioe li tikkawtela il-kreditu dovut lilha b'mandat kawtelatorju u minflokk li titlob li l-manteniment jitħallas direttament lilha mill-paga ta' KB.

Kwindi ma jirriżultax illi ir-rekwiziti tal-artikolu 836 (d) tal-Kap 12, u ċioe (d) *jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv* huma sodisfatti.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina ir-rekwiziti tal-artikolu 836 (f) tal-Kap 12, u ċioe (f) *jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*."

KB isostni li l-manteniment dejjem tħallas lis-sekwestranta LC. Hija il-fehema konsiderata ta' din il-Qorti li ma jirriżultax li wara l-ħruġ tal-mandat odjern u cioe mill-19 ta' Ottubru 2020 inbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa – għal kollox

jew in parti - fis-seħħ. Ma jirriżultax illi dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa ma għadux il-każ. Lanqas ma jirrizulta lil din il-Qorti illi dak illi mal-ħruġ tal-mandat kien raġjonevoli jew ġustifikabbli, issa ma għadux raġjonevoli jew ġustifikabbli.

Kwindi ma jirriżultax li r-rekwiziti tal-artikolu 836 (f) tal-Kap 12 u ċioe *jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli* huma sodisfatti. Ghaldaqstant, il-mandat in kwistjoni lanqas ma jistax jiġi revokat a bażi tal-**Artikolu 836(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha ta' KB.**

**Bl-ispejjes kontra KB.**

**Moghti Kameralment illum.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**